**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA**

**LAQGĦA NRU 7**

**Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2023**

Il-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ltaqa' fil-Kamra tal-Kumitati fil-binja tal-Parlament, il-Belt Valletta, fil-11.34 a.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Ryan Callus u l-Onor. Mark Anthony Sammut.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-laqgħa nru 6 tat-3 ta' Awwissu 2023 kienu approvati.

**DOKUMENTI**

Għal fini ta' rekords l-Ispeaker informa lill-Kumitat illi huwa kien għadda lill-Membri is-segwenti dokumenti:

Dok. 10 Rapport dwar investigazzjoni bir-referenza K/035 datat 7 ta' Awwissu 2023 mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika dwar allegazzjoni ta' nuqqas ta' sottomissjoni ta' prospetti tat-taxxa da parti ta' Dr Jason Azzopardi meta kien għadu deputat parlamentari.

**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI MILL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA (KAŻ K/027)**

Il-Kumitat kompla l-konsiderazzjoni tiegħu tar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika dwar il-każ K/027 mil-laqgħa tat-3 ta' Awwissu 2023, u kif maqbul fil-laqgħa msemmija l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, il-Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi, ġie mistieden jingħaqad mal-Membri madwar il-mejda tal-Kumitat sabiex jagħmel preżentazzjoni tar-rapport tiegħu u jwieġeb mistoqsijiet tal-Membri dwar dan ir-rapport. Bil-

permess tal-Kumitat il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika kien akkumpanjat mid-Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tal-Kummissarju s-Sur Charles Polidano.

Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għamel preżentazzjoni dwar ir-rapport tiegħu dwar il-każ K/027 dwar għemil ta' stqarrijiet mhux veritieri mill-Onor. Michael Farrugia MP dwar laqgħa li kellu mas-Sur Yorgen Fenech li saret fil-5 ta' Marzu 2014.

Il-Membri kollha għamlu l-mistoqsijiet tagħhom lill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika dwar dan ir-rapport.

Il-Kumitat qabel li t-traskrizzjoni tal-laqgħa tiġi ċirkolata lill-Membri qabel il-laqgħa li jmiss.

**XOGĦOL IEĦOR**

Il-Kumitat qabel li l-proposta mressqa mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika fl-ittra tiegħu datata 18 ta' Lulju 2023 dwar rakkomandazzjoni li l-paragrafi 1.10 sa 3.11 tad-dokument "Guidelines on Government Advertising and Promotional Material" jingħataw xejra ta' regoli u jiġu inklużi fit-Tieni Skeda ta-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, tiġi diskussa f'laqgħa apparti.

Il-Kumitat iddiskuta l-ittra tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika datata 15 ta' Ġunju 2023 dwar il-pubblikazzjoni ta' rapporti tal-istess Kummissarju meta l-Uffiċċju tiegħu jiddeċiedi li m'għandux jinvestiga lment. L-Ispeaker fakkar illi skont deċiżjoni meħuda mill-Kumitat fit-13-il Leġiżlatura (Laqgħa 3 tat-3 ta' April 2019) tali rapporti ma għandhomx jiġu ppublikati mill-Kummissarju. Il-Kumitat qabel li din il-materja kellha tkompli tiġi diskussa iktar 'il quddiem wara li tiġi ċirkolata t-traskrizzjoni tal-laqgħa tal-Kumitat.

Meta ma kienx hemm aktar mistoqsiijet il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika rtira mill-kamra tal-Kumitat.

F'12.21 p.m. il-Kumitat ġie aġġornat għal data li kellha tiġi komunikata aktar 'il quddiem.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**